**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 27 ta' Gunju, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 444/2021 AF**

**Pauline Pisani**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Pauline Pisani, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fid-data tas-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija sitta u disghin (1996) l-esponenti zzewget lill Marcellino Pisani (KI 41770(M) gewwa l-Knisja ta' Burmarrad, Malta.

L-esponenti flimkien ma' zewgha su referit huma ko-proprjetarji tad-dar matrimonjali li jgib l-indirizz, 21 Casa Roma, Triq ix-Xitwa, Mosta; liema fond giet akkwistat bejniethom fid-data tal-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija erbgha u disghin (1994), permezz ta' kuntratt insinwat gewwa ir-Registru Pubbliku u fl-Atti tan-Nutar Dottor Carmel Martinelli.

L-esponenti ghexet tul iz-zwieg taghha gewwa l-fond su referit flimkien ma' zewgha Marcellino Pisani u t-tifel taghha Justin Pisani li twieled nhar l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (1999).

Gara li sfortunatament l-esponenti ma ghexet hajja xejn pjacevoli u pjuttost hajja ta' mizerja stante vjolenza domestika konsistenti fi swat, eccessi, theddid u offizi gravi fuq il persuna taghha da parti ta' zewgha, anke sahasitra fil-presenza tat-tifel taghha.

Nonostante zewgha kien attenta suwicidju meta qabez minn fuq l-irdum ta' Had-Dingli u dana fid-data tas-sebgha (07) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) konsegwenza ta' liema baqa *f'wheel chair,* l-esponenti xorta daret mieghu u hadet hsieb dak kollu li kellu bzonn ukoll bhala l-*carer* tieghu.

Il-fatt li kien go *wheel chair* ma kien l-ebda deterrent milli jkompli juza vjolenza u attakki fuq il-persuna tar-rikorrenti stante li kien beda juza oggetti sabiex isawwatha bihom.

L-esponenti izda xorta baqghet tiehu hsiebu u adattat id-dar matrimonjali f'manjiera li zewgha jista' jkun komdu tenut kont is-sitwazzjoni fizika li kien jinsab fiha.

L-esponenti eventwalment ma felhitx ghas-swat u vjolenza aktar u ghalhekk flimkien ma' binha Justin Pisani telqu mid-dar matrimonjali u marru jghixu ghand il-genituri taghha u fl-istess hin intavolaw ir-rapporti neccesarji mal-Pulizija Ezekuttiva, konsegwenza ta' liema inghataw l-ghajnuna mehtiega mill-diversi oqsma fosthom il-*domestic violence unit, u l-Victims Support Agency.*

Konsegwentement u cioè fid-data tat-tlettax (13) t'Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) gew intavolati proceduri ta' medjazzjoni bi skop li ssir separazzjoni bonarja.

Gara illi pendente lite l-insemmi proceduri tas-separazzjoni, fix-xahar ta' Dicembru tas-sena 2020, huwa mahsub li zewgha Marcellino Pisani qabbad id-dar matrimonjali intenzjonalment bin-nirien wara liema jidher li sparixxa u hadd ma jaf sal-gurnata tal-lum x'sar minnu, tant huwa hekk li sal-lum il-gurnata ghadu meqjus bhala *missing person.*

Jidher li saru kwalunkwe tfittixijiet ghal Marcellino Pisani anke sahansitra fl-ibhra Maltin, izda dan dejjem irrizulta fin-negattiv.

Ghalhekk infethet inkjesta magisterjali, numru 787/2020 preseduta mill-Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace.

**<u>AGGRAVJI</u>**

L-aggravji tar-rikorrenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fil-fatt li d-diversi talbiet taghha u ta' binha sabiex jirritornaw jghixu gewwa d-dar taghhom qeghdin jigu michuda ghal kollox u dana minghajr raguni valida u gusta u pjuttost bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom.

Id-dar matrimonjali ilha taht inkjesta; maghluqa, msakkra ghal aktar minn sitt (6) xhur bil-konsegwenza li qed isir hafna hsarat bla bzonn fuq il-fond u dana minbarra li r-rikorrenti u binha ser

jispiccaw minghajr saqaf fuq rashom meta ghandhom darhom stess u dan ghaliex ma jistghux ikomplu jghixu mal-genituri taghha minbabba ragunijijet gustifikati.

Mill-inkjesta jemana car illi l-esperti mahtura kollha intavolaw r-rapporti taghhom gewwa inkjesta numru 787/2020; u kien hemm diversi rikorsi sabiex l-esponenti terga tidhol gewwa d-dar matrimonjali taghha, proprjetà taghha stess izda l-Onorabbli Qorti tkompli tichad l-insemmi talba.

Mhux talli l-esponenti u bintha ma jistghux icedu l-proprjetà taghhom stess, izda talli proprjetà qed tigi soggetta ghad-diversi danni stante li hemm il-hgieg ta' barra kollu imkissier u ghalhekk l-imsemmi proprjetà giet soggettata ghall-maltemp, hmieg, hsarat u dana minbarra li l-esponenti u binha m'ghandhomx access ghall-hwejjeg u affarijiet personali ohrajn taghhom.

Inoltre wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni s-sofferenzi kollha li ghaddew u ser jkomplu ghaddejjin minnhom l-esponenti u binha minghajr ebda raguni valida.

Id-dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi huwa dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata fi żmien raġovenoli, liema dritt huwa tassattivament imponut fuq kull Stat. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ Vocaturo vs Italy deċiża fl-24 ta' Mejju tas-sena 1991 u fil-każ ***G.H vs Austria*** deciza fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2000 irriteniet: *"'It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time".*

Dan irid jittieħed fil-kuntest ta' dak li jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "***Major Manduca vs Il-Prim Ministru***", mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995, fejn hemm ukoll referenza għall-insenjament tal-ktieb ta' Van Dyke and CJF

Van Hoof li jipprovdi li: 'Over burdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting parties have the general duty to organize the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of article 6'.

Hawn huwa opportun li jirreferi għal dak li gie ritenut fis-sentenza "***John Saliba vs Avukat Generali et***" (P.A. [S.K.] [GCD] Rik. Nru. 625/97/GCD – 24 ta' April 1998): "Għalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta z-zmien jibda jitqies bħala twil izzejjed, għax 'the reasonable of the duration of proceedings covered by Art. 6 [...] must be assessed in each case according to the circumstances' [Konig vs Germany], madanakollu meta z-zmien prima facie jidher twil, bħal ma indubbjament huwa fil-kaz tal-lum, ikun imiss għall-istat intimat li juri li kien hemm cirkostanzi li jiggustifikaw dan id-dewmien (Santilli vs Italy, 19 ta' Frar 1991 [ECHR – A 194-D])".

Inoltre fis-sentenza datata 14 ta' Novembru tas-sena 2002, fl-ismijiet ***Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Avukat Generali,*** il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) għamlet referenza għall- ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin li sahqu li sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux ragonevoli, hemm bzonn li jigu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:

**(a)** il-komplessità tal-kaz
**(b)** l-imgieba tal-Qorti
**(c)** l-imgieba ta' min ikun qed jagħmel il-lament.

Meta wieħed iqiegħed iċ-ċirkostanzi tal-każ kollha u ż-żmien rilevanti għal ilment tal-appellanti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq msemmija, wieħed ma jistax jasal għal fehma li kien hemm dewmien gustifikabbli fis-smigħ ta' dan il-kaz jew li tali dewmien kien attribbwibli lir-rikorrenti. Iz-zmien meħud biex effettivament wassal sabiex ir-rikorrenti ingħata sentenza kien wieħed li certament jaqbez iz-zminijiet li normalment jittieħed biex Qorti tiddisponi minn kazijiet simili.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. **Tiddikjara** li l-proceduri addottati fl-Inkjesta sureferita u cioè it-trapass taz-zmien u dewmien irragonevoli li ttiehed sabiex jigu konkluzi l-proceduri sufferiti leda d-drittijiet fundamentali u konstituzzjonali tar-rikorrenti senjatament l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. **Tiddikjara** li hemm ksur tal-jedd li ma jingħatawx trattament inuman u degradanti, taħt l-art. 36 tal-Kostituzzjoni u l-art. 3 tal-Konvenzjoni;

3. **Tiddikjara** li hemm ksur tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni, f'dak l-għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-ħajja tagħhom;

4. **Tillikwida** kumpens xieraq bħala rimedju għall-ksur ta' dawn il-jeddijiet u tordna illi dan ir-"rimedju pekunjarju" jitħallas;

5. **Takkorda** kwanlunkwe rimedju iehor / direttiva jew provvediment iehor li jidhrilha xieraq u necessarji sabiex jigu sanciti d-drittijijet inerenti u kostituzzjonali tal-esponenti kif hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali fuq l-eventwali danni u/jew kumpens akkordati lill-esponenti.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In suċċint, il-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi ż-żmien allegatament irraġonevoli sabiex issir u tiġi konkluża l-inkjesta maġisterjali numru 787/2020, bl-allegata konsegwenza illi r-rikorrenti ġiet u għadha qed tiġi mċaħħda mill-aċċess għall-fond tagħha, qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti mill-Artikoli 39 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Artikoli 6, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Preliminarjament, l-Avukat Ġenerali ma huwiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanza tar-rikorrenti stante illi inkjesta maġisterjali bħal dik in diżamina hija mmexxija mill-Maġistrat *ut sic* u għalhekk, l-Avukat Ġenerali ma jistax iwieġeb għal kwalunkwe nuqqas tal-istess. Huwa ben evidenti wkoll illi r-rikors promotur ma jispeċifika ebda nuqqasijiet tal-Avukat Ġenerali illi jistgħu jwasslu għal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

In vena preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha, ai termini tal-Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi r-rikorrenti għandha rimedju ordinarju disponibbli għaliha, fil-forma ta' rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex hi tirriprendi l-aċċess u l-pussess tal-fond in kwistjoni, u dan għaliex hemm pendenti quddiem l-istess Qorti Ċivili proċeduri ta' separazzjoni bejn ir-rikorrenti u żewġha Marcellino Pisani (Rik. 150/2021 JPG).

Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huma inapplikabbli għaliex ma huwiex l-iskop ta' inkjesta maġisterjali illi tingħata deċiżjoni dwar akkuża kriminali jew dwar drittijiet u obbligi ċivili. Għaldaqstant, l-ewwel element bażiku għall-applikabbilità tal-Artikoli imsemmija huwa għal kollox nieqes, li jfisser illi l-inkjesta maġisterjali li r-rikorrenti qed tilmenta minnha ma hijiex suxxettibbli għal eżami tal-kompatibbilità tagħha mad-dettami tal-Artikolu 39 u tal-Artikolu 6.

Assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponent jiċħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti illi qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

*Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba dewmien irraġonevoli*

Għalkemm huwa ben evidenti illi l-Artikolu 39 u l-Artikolu 6 huma inapplikabbli għall-inkjesta maġisterjali illi tilmenta minnha r-rikorrenti, għal kull buon fini l-esponent jisħaq illi l-inkjesta ġiet konkluża fi żmien raġjonevoli. L-inkjesta maġisterjali infetħet f'Dicembru 2020 u ngħalqet f'Mejju 2021. Il-Maġistrat Inkwirenti aċċediet għall-fond mertu tal-kawża, ħatret diversi esperti sabiex jirrelataw dwar il-ħruq in kwistjoni, u sar il-proċess verbali. Dan kollu fi żmien ta' ċirka hames (5) xhur.

Il-ġurisprudenza kostanti tal-qrati nostrana u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tispeċifika erba' elementi illi għandhom jiġu eżaminati sabiex wieħed jara jekk tali proċeduri ġewx konklużi fi żmien raġjonevoli, u cioè: (i) il-kumplessità tal-każ; (ii) l-aġir tal-partijiet fil-kawża; (iii) is-sehem tal-awtoritajiet in kwistjoni; (iv) is-siwi ta' dak li l-parti għandha x'titlef u tirbaħ mill-każ tagħha quddiem il-qrati. Meta wieħed jeżamina l-inkjesta maġisterjali, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni naturali illi ma kien hemm ebda dewmien irraġonevoli illi jista' jwassal għal ksur tal-Artikoli in kwistjoni;

*Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea*

L-esponent jgħid mingħajr tlaqliq illi l-ilment tar-rikorrenti dwar trattament inuman u degradanti huwa assolutament insostenibbli u jixbaħ ilment frivolu u vessatorju.

Mhux kull forma ta' trattament jista' jwassal għal ksur tal-Artikolu 36 u tal-Artikolu 3. Difatti, kwalunkwe trattament li jmur kontra tali Artikoli għandu neċessarjament ikun tali illi jilħaq '*a minimum level of severity*', li ċertament ma ntlaħaqx f'dan il-każ. Sempliċi skumdità minħabba investigazzjonijiet dwar reati serji ma jistax jikkwalifika bħala trattament degradanti. Kif ingħad diversi drabi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, '*In order for a punishment or treatment*

*associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment*' (***Jalloh v. Germany***, QEDB, 11 ta' Lulju 2006, p. 68).

*Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea*

Dwar l-ilment marbut mal-Artikolu 8, l-esponent preliminarjament jiċħad illi hemm xi forma ta' indħil fil-ħajja privata u tal-familja tar-rikorrenti. Anki jekk din l-Onorabbli Qorti issib illi hemm xi forma ta' indħil, l-esponent jisħaq illi tali indħil jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8(2), u cioè li kwalunkwe indħil fl-eżerċizzu ta' dan id-dritt għandu: (i) jkun skond il-liġi; (ii) jkollu għan leġittimu; u (iii) jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika.

Rigward l-ewwel element, ma għandux ikun hemm kontestazzjoni illi l-proprjetà mertu tal-kawża ġiet issiġillata in segwitu għal reat li seħħ f'Diċembru 2020. Tali reat kellu neċessarjament jiġi investigat u l-evidenza kollha konnessa mal-istess reat kellha tiġi ppreżervata. Għalhekk il-Maġistrat tal-Għassa fil-jum tal-akkadut ordnat illi ssir inkjesta għal dan l-iskop, ai termini tal-Artikoli 546 *et seq* tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm tali inkjesta illum tinsab magħluqa, in-nuqqas ta' aċċess tar-rikorrenti għall-proprjetà in kwistjoni huwa xorta waħda ġust għaliex ir-rikorrenti kienet telqet mid-dar matrimonjali ċirka xahrejn qabel l-akkadut u fetħet proċeduri ta' separazzjoni kontra r-raġel tagħha Marcellino Pisani (Rik. 150/2021 JPG). Għalhekk, illum il-ġurnata, kwalunkwe aċċess għall-istess fond, illi huwa d-dar matrimonjali tar-rikorrenti u żewġha, jista' jingħata biss mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini, *inter alia*, tal-Artikolu 46 tal-Kodiċi Ċivili.

Rigward it-tieni element, l-allegat indħil illi tilmenta minnu r-rikorrenti ċertament għandu għan leġittimu, u dan għaliex huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat l-egħmil tad-delitti u sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

Rigward it-tielet u l-aħħar element, u cioè n-neċessità tal-indħil f'soċjetà demokratika, wieħed għandu jiftakar illi sabiex kwalunkwe indħil ikun ġustifikabbli, tali indħil għandu jkun proporzjonali bejn id-drittijiet tal-individwu affettwat u l-għan leġittimu tal-indħil. F'dan ir-rigward, l-Istat igawdi minn disrkezzjoni wiesgħa sabiex jiddentifika x'inhu meħtieġ fiċ-ċirkostanzi. Kif ser jiġi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża, tali element huwa għal kollox sodisfatt ukoll, u għalhekk l-esponent ma jarax illi din l-Onorabbli Qorti tista' tiddikjara ksur tal-Artikolu 8.

Finalment, rigward ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti, l-esponent filwaqt li jżomm ferm id-difiża tiegħu illi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali f'dan il-każ, jgħid illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tikkostitwixxi rimedju adegwat u komplut, mingħajr ma jingħata rimedju pekunjarju u, jew rimedji ulterjuri kif mitlub.

Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tal-21 t'Ottubru 2021 ai termini ta' liema l-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għal rimedju interim u awtorizzatha tirritorna lura fid-dar matrimonjali.

Rat illi l-Avukat Ġenerali appella minn dan id-digriet wara li ġie debitament awtorizzat jagħmel dan ai termini ta' digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Jannar 2022.

Rat illi l-Qorti tal-Appell, b'sentenza tat-30 ta' Novembru 2022 astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-intimat Avukat Ġenerali u rrevokat ir-rimedju provviżorju stante illi l-utilita' tiegħu ġiet eżawrita.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

Rat illi nonostante l-fakoltà lilha konċessa, r-rikorrenti baqgħet ma ppreżentatx nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar allegata leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif dawn jinsabu mħarsa taħt l-Artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-ilment tar-rikorrenti huwa abbinat maż-żmien li ħadet sabiex tiġi konkluża l-inkjesta maġisterjali numru 787/2020 bil-konsegwenza li pendenti l-inkjesta r-rikorrenti ġiet imċaħħda milli taċċedi għal dik li hija d-dar matrimonjali.

Ir-rikorrenti talbet għalhekk illi tingħata rimedju li jikkonsisti sia f'dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tagħha kif ukoll li tingħata kumpens għad-danni minnha mġarrba inkluż il-ħlas tal-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont likwidat.

L-intimat Avukat Ġenerali laqa' għall-azzjoni billi fuq nota preliminari eċċepixxa illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi u dan għaliex l-Avukat Ġenerali m'għandu ebda ness mal-aġir lamentat. Eċċepixxa wkoll illi l-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha la darba r-rikorrenti naqset milli teżawrixxi r-rimedji ordinarji għaliha disponibbli. Tressqu wkoll eccezzjonijiet fil-mertu fejn essenzjalment l-Avukat Ġenerali qiegħed jistieden lill-Qorti tiċħad it-talbiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## Fatti

Ir-rikorrenti Pauline Pisani u Marcellino Pisani żżewwġu fis-6 t'Ottubru 1996 u minn dan iż-żwieġ twieled tifel fil-25 ta' Frar 1999, illum maġġorenni.

Il-konjuġi Pisani xtraw u akkwistaw bejniethom il-fond 21, Casa Roma, Triq ix-Xitwa, Mosta u stabbilew dan il-fond bħala d-dar matrimonjali tagħhom.

Jirriżulta li fis-7 ta' Settembru 2017 Marcellino Pisano għamel attentat ta' suwiċidju u konsegwenza ta' dan sofra diżabilità permanenti li ħallietu dipendenti fuq l-użu ta' siġġu tar-roti.

Ir-rikorrenti tallega li sfat vittma ta' vjolenza domestika nkluż ukoll theddid, eċċessi u inġurji konsegwenza ta' liema hija u binha ġia minuri, volontarjament allontanaw ruħhom mid-dar matrimonjali u marru jgħixu fid-dar tal-ġenituri tar-rikorrenti. Hija għamlet rapport lill-Pulizija Eżekuttiva u tat ukoll bidu għal-proċeduri ta' separazzjoni f'Ottubru 2020 liema proċeduri jirriżulta għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Ir-rikorrenti tallega suspett li pendenti l-proċess ta' medjazzjoni, senjatament f'Diċembru 2020 Marcellino Pisani qabbad id-dar matrimonjali b'nirien b'mod intenzjonali u sparixxa tant li sal-lum għadu meqjus bħala '*missing person*'. B'rabta ma dan il-każ, fit-28 ta' Diċembru 2020 infetħet inkjesta maġisterjali, dik bin-numru 787/2020, liema nkjesta ingħalqet fl-24 ta' Mejju 2021. Mix-xhieda tal-Ispettur Godwin Scerri jirriżulta li l-konklużjoni milħuqa mill-Maġistrat Inkwirenti u riflessa fil-proċess verbal kienet dik li l-investigazzjoni titkompla. Madanakollu, ma kien hemm ebda żvilupp ulterjuri minn dak inhar lil hawn.

**L-Eċċezzjonijiet Preliminari**

**Leġittimu Kontradittur**

L-intimat Avukat Ġenerali eċċepixxa illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti kemm għaliex l-aġir lamentat ma jirriżultax attribwibbli lilu kif ukoll għaliex l-inkjesta Maġisterjali titmexxa mill-Maġistrat Inkwirenti waħdu u għalhekk l-Avukat Ġenerali ma jgawdi ebda rwol, poter jew diskrezzjoni f'dak l-istadju. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu imbagħad, l-Avukat Ġenerali żied josserva illi fil-mument tal-intavolar tar-rikors kostituzzjonali u cioè fit-30 ta' Ġunju 2021, kienet diġà seħħet il-qasma tal-funzjonijiet u poteri li jgawdu rispettivament l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat. Jgħid għalhekk illi dakinhar l-Avukat Ġenerali kien diġà assuma poteri purament ta' Prosekutur Ewlieni ta' Malta waqt illi r-rappreżentanza tal-Gvern f'kawżi ċivili kienet diġà ġiet fdata f'idejn l-Avukat tal-Istat. Jissokta jgħid illi kien biss wara li ngħalqet l-inkjesta Maġisterjali li l-atti tal-inkjesta għaddew għandu peress illi l-Avukat Ġenerali jirrivesti wkoll l-irwol ta' depożitarju tal-inkjesti maġisterjali.

L-ewwel argument li jressaq l-Avukat Ġenerali huwa fis-sens li fl-istadju tal-inkjesta maġisterjali, huwa m'għandu assolutament ebda rwol għaliex f'dak l-istadju huwa biss il-Maġistrat li għandu poteri investigattivi. Tant dan huwa minnu li fl-istadju tal-inkjesta Maġisterjali, l-Maġistrat huwa l-persuna li bil-liġi huwa nkarigat mill-ġbir tal-provi u huwa biss il-Maġistrat li għandu l-poter li jaħtar l-esperti, jilqa' x-xhieda u jirrediġi l-proċess verbal. Huwa biss wara li tiġi konkluża l-inkjesta li l-atti jiġu trażmessi lill-Avukat Ġenerali li da parti tiegħu jimxi fuq il-konklużjoni tal-Maġistrat skont id-dettami tal-liġi.

Għal dak illi jolqot il-każ tal-lum, il-Qorti tqis l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat bħala mistħoqqa u tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti ma jistgħu qatt jiġu ndirizzati fil-konfront tal-Avukat Ġenerali. Semmai it-talbiet tar-rikorrenti setghu jiġu ndirizzati fil-konfront tal-Avukat tal-Istat li ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 huwa vestit bir-rappreżentanza ġuridika tal-Gvern jekk

kemm il-darba ma jirriżultax li jkun hemm dipartiment fil-konfront ta' liema tista' tiġi ndirizzata l-kawża.

Din l-eċċezzjoni kienet sollevata sa mill-bidu nett tal-kawża madanakollu r-rikorrenti baqgħet passiva u m'għamlet xejn sabiex issalva l-azzjoni. Ta' dan issa trid iġġarrab il-konsegwenzi.

Il-Qorti qegħda għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni u tiddikjara illi l-intimat Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti.

**Rimedji Ordinarji**

Stabbilit illi l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti tista' tieqaf hawn. Madanakollu, sabiex jiġu evitati proċeduri u spejjeż ulterjuri, il-Qorti sejra tikkunsidra wkoll it-tieni eċċezzjoni preliminari.

Eżaminati l-fatti tal-każ, il-Qorti ssib illi l-azzjoni attriċi tfalli anki abbażi tat-tieni eċċezzjoni preliminari permezz ta' liema l-Qorti qegħda tiġi mistiedna tiddeklina milli teżerċita l-funzjonijiet kostituzzjonali tagħha għar-raġuni li r-rikorrenti naqset milli teżawrixxi r-rimedji ordinarji għaliha disponibbli qabel irrikorriet għall-proċeduri odjerni.

Qabel xejn irid jingħad illi l-każ tar-rikorrenti huwa wieħed sfortunat ħafna fejn iċ-ċirkostanzi in ġenerali fil-ħajja tar-rikorrenti baqgħu kull ma jmur sejrin għall-agħar u oltre l-allegat vjolenza minnha mġarrba u t-tifrik taż-żwieġ tagħha, ir-rikorrenti u binha spiċċaw ukoll maqbuda fiċ-ċirkostanzi li segwew wara dak li allegatament huwa inċendju doluż u l-isparizzjoni ta' żewġ ir-rikorrenti, ċirkostanza li poġġiet lir-rikorrenti f'aktar diffikultajiet.

Naturalment, peress li kien taha nirien li allegatament tqabbdu volontarjament il-Pulizija Eżekuttiva kellha tagħmel l-investigazzjoni tagħha u fl-ipotesi ta' reat kien ukoll meħtieġ li tinbeda inkjesta maġisterjali. Dan kollu ġara fil-mori tal-proċeduri ta' separazzjoni li kawża tal-isparizzjoni ta' Marcellino

Pisani ġew stultifikati. Il-Qorti rat illi kien hemm dewmien konsiderevoli fil-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-assenti. Madanakollu, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti debitament rappreżentata li tħaffef il-proċess billi ssegwi mill-viċin il-proċeduri u tara li l-proċedura titmexxa bil-ħeffa kollha possibbli. Jidher però, li għal raġunijiet li jibqgħu magħrufa lir-rikorrenti u lir-rappreżentant legali tagħha, dan ma sarx u għalhekk intilef ħin prezzjuż. In oltre, l-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrenti naqset pależement milli titlob rimedju *pendente lite* mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'rikors appożitu fl-atti tal-proċeduri ta' separazzjoni. Ma jirriżulta li kien hemm ebda ostaklu għar-rikorrenti sabiex tagħmel dan. Huwa minnu li pendenti l-inkjesta id-dar matrimonjali kienet taħt sekwestru ġudizzjajru, madanakollu l-inkjesta ingħalqet f'temp ta' ħames xhur, terminu li huwa pjuttost qasir u raġionevoli. Għalhekk, una volta li ntemmet l-inkjesta, ma kienx hemm lok għar-rikorrenti li ma tressaqx it-talba tagħha quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Il-Qorti qegħda tqis ukoll illi għalkemm l-inkjesta ingħalqet f'Mejju tas-sena 2021, il-proċeduri odjerni inbdew fit-30 ta' Ġunju 2021 u terġa u tgħid ir-rikorrenti kompliet tistenna sas-17 ta' Settembru 2021 sabiex tintavola rikors fl-atti tal-odjerni proċeduri biex titlob rimedju interim. Il-Qorti tirribadixxi li r-rikors seta' tressaq direttament quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mill-anqas ġià minn Mejju 2021.

In-nuqqas tar-rikorrenti li titlob rimedju b'mod tempestiv u fuq kollox li teżawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli ma jistax issa jiġi mdawwar f'xi nuqqas tal-istat li jħares id-drittijiet tar-rikorrenti.

Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' wkoll it-tieni eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG